Charles Debono, Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra



# L-Attakki mill-ajru fuq San Pawl il-Baħar matul l-1942

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija Malta ġiet ibbumbardjatha bla ħniena. L-agħar sena tal-gwerra għal Malta kienet l-1942. Matul ix-xahar ta' April 1942, kienu twaddbu madwar 7,000 tunnellata ta bombi fuq Malta, minn ajruplani tal-attakk tal-Assi. Għalkemm l-ikbar konċentrazzjoni tal-attakki saret fuq in-naħa t'isfel ta' Malta, xorta kienu saru attakki jew aħjar twaddbu xi bombi fuq in-naħa ta' fuq ta' Malta, f'dan il-kas fuq San Pawl il-Baħar. F'San Pawl il-Baħar ma kienx hemm installazzjonijiet militari li ġibdu l-attenzjoni tal-għadu. Dawn li gejjin huma bombi li waqgħu f'diversi nħawi differenti ta' San Pawl il-Bahar fl-1942:

| Data | Thabira | Ghadda l-Attakk | Remarki |
|---|---|---|---|
| 22/23 ta' Jannar 1942 | 11.15pm | 12.34am | Waqgħu bombi u splodew f'għelieqi f'Wied Annotta. |
| 16 ta' Frar 1942 | 1.30pm | 3.10pm | Persuna mietet u oħra ġiet feruta. Apparti hekk waqgħu erbgħa t'idjar. Żewġ bombi waqgħu u splodew fi Triq San Pawl, kantuniera ma' Triq id-Duluri. Waqgħet ukoll bomba fuq dar zgħira fil-kampanja fil-Pwales, fejn tifla tilfet ħajjitha u ħames persuni oħra ġarbu xi grieħi. |
| 18 ta' Marzu 1942 | 4.40pm | 7.14pm | Waqgħu erbgħa bombi u splodew f'għelieqi fl-inhawi msejjħa tal-Imbordin, limiti ta' San Pawl il-Baħar. Mara tilfet ħajjitha u tifel ġie graviment ferut u ttieħed l-isptar. |
| 19 ta' April 1942 | | | Erbgħa bombi waqgħu fuq il-Bajja ta' San Pawl, fejn intlaqtu diversi djar, li pero ħadd ma' miet. |
| 8 ta' Mejju 1942 | 1.22pm | 2.03 pm | Waqgħu u splodew erbgħa bombi f'Villa Chapelle, fejn għamlu ħsarat kbar lill-bini u s-siġar fil-qrib. Ma kienx hemm vittmi. |

*ikompli f'paġna 100*




| Data | Thabira | Ghadda l-Attakk | Remarki |
|---|---|---|---|
| 1 ta' Lulju 1942 | 2.48pm | 3.20pm | Bomba splodiet f'għalqa l-Qawra, li pero ma kkawżatx ħsarat u lanqas mwiet. |
| 4 ta' Lulju 1942 | 12.14am | 1.21am | Waqgħu żewġ bombi, waħda f'għalqa u l-oħra fi Triq Buġibba, fejn għamlet ħsarat fit-triq, ħajt tas-sejjieħ u razzett. Ma ġewx irrapurtati vittmi. |
| 8 ta' Lulju 1942 | | | Carmel Micallef, li kellu 7 snin, kien qed jilgħab f'għalqa, u f'daqqa waħda waddab ġebla fuq butterfly-bomb, splodiet u safa' ferut gravi. |
| 5 ta' Awwissu 1942 | 11.35pm | 11.59pm | Bombi waqgħu fil-baħar f'San Pawl il-Bahar. Ragel ġie ferut bi splinter. |
| 21 ta' Ottubru 1942 | 11.39am | 11.59am | Waqgħu bombi f'xi għelieqi fil-Qawra, li fortunatament ma kkawżaw la ħsarat u lanqas vittmi |

Jista' jkun li waqgħu iktar bombi fuq San Pawl il-Baħar pero dawn huma l-każi rrapurtati mill-Pulizija matul l-1942. Din hija parti zgħira mir-rwol ta' San Pawl il-Baħar fit-Tieni Gwerra Dinjija.